# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 18**

**Citaz. numru: 1806/99 NA**

**Francis u Doris konjugi Buhagiar**

**vs**

**Ta' Natu Limited**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors tas-socjeta' konvenuta "Ta' Natu Ltd." tas-16 ta' Marzu 2000 fejn talbu li jigi ddikjarat illi n-notifika tac-citazzjoni li saret kontra taghhom saret hazin u mhux skond il-ligi peress illi giet notifikata f'idejn persuna li ma hijiex azzjonista, direttur jew impjegata ta' l-istess socjeta' u li ma gietx maghmulha fl-indirizz registrat tas-socjeta' konvenuta.

Jirrizulta illi n-notifika saret f'idejn Carmela Vella fl-indirizz "Vella House", Parish Street, Naxxar. Min-nota bid-dokument li gietipprezentata fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2001 jirrizulta illi l-indirizz registrat tas-socjeta' konvenuta huwa "Doris", Oratory Street, Naxxar filwaqt illi jirrizulta wkoll illi Carmela Vella mhiex direttur jew socju tas-socjeta' konvenuta. Minkejja illi ma ngabitx il-prova illi effettivament Carmela Vella mhijiex impjegata ma' l-istess socjeta' konvenuta l-Qorti jidhrilha illi l-provi prodotti huma sufficjenti biex tilqa' t-talba u tordna n-notifika tac-citazzjoni in kwistjoni mill-gdid f'idejn is-socjeta' konvenuta kif debitament rapprezentata fl-indirizz registrat taghha u dan a spejjez ta' l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.